MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 1030/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

**Massimo Trivisini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Massimo Trivisini 37 sena bin Paolo u Rosaria nee' Corso mwieled Sqallija fil-5 ta' Dicembru 1968 u li joqghod 'Sylvia Flats' No. 1 Triq l-Mhar San Pawl-il Bahar. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 228393(m).

Billi huwa akkuzat talli fil-15 ta' April, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara

hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL. D. fit-13 ta' Awissu 2003.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CM2 u nutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, rigward li l-imputat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D. fit-13 ta' Awwissu, 2003, jirrizulta minn Dok CM8 minnu pprsentat illum, li din is-Sentenza sospiza giet resa operattiva u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Veral tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li rritorna l-oggetti soggetti ghar-ricettazzjoni, liema oggetti inghataw lil sidhom.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu li l-oggetti soggetti ghar-ricettazzjoni kienu gejjin minn serq u l-valur tagghom ma jeccedix l-ammont ta’ Euro 2329.37 izda jeccedi l-ammont ta’ Euro 232.94.

Rat l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Massimo Trivisini, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li  fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li rritorna l-oggetti soggetti ghar-ricettazzjoni, liema oggetti inghataw lil sidhom u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Massimo Trivisini ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Massimo Trivisini jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigwart it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum nkwantu ghal din it-tieni akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Massimo Trivisini l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------